**Minuti tas-Seduta 12 li saret fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 3 ta' Diċembru 2007 fid-9.00 p.m.**

Preżenti kienu: Dr Paul Chetcuti Caruana MD – Sindku
Mrs J. Agius Decelis — Viċi Sindku
Sur Paul Agius — Kunsillier
Is-Sur J. M. Camilleri
Sur J. De Martino
Dr S. Farrugia MD
Ms K. Fenech
Perit C. Grech
Mrs M. Mifsud

Sur J.J. Camilleri — Segretarju Eżekuttiv

Kienu skużati mis-seduta l-Kunsillieri Ms. N. Fenech Adami u s-Sur M. Sammut. Għal din is-Seduta kien preżenti s-Sur J.C. Azzopardi li kien aġixxa bħala Aġent Segretarju sakemm id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ikkonferma l-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

**Agenda**

1. Minuti
2. Tagħrif mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Materji Finanzjarji
5. Każ Bidnija
6. Restricted Residents Only'-Parti minn Triq il-Kurat Schembri
7. Ittra lill-Kummissarju –Nuqqassijiet ta' Sigurta fil-Mosta
8. Ħatra ta' Firmatarji-Kont Bankarju Cultexchange
9. Tiġdid ta' Kuntratti
10. Pubblikazzjoni tal-Fuljett
11. Wardens-Kindergarten School
12. Pagamenti
13. Regolazzjoni ta' Avviżi fit-Toroq
14. Ikla tal-Milied
15. Vot ta' Ringrazzjament –Segretarju Eżekuttiv Sostitut

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 11 kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ċirkolati bosta jiem qabel. Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki dwar l-eżatezza tagħhom. Peress li ma kienx hemm rimarki, huwa ressaqhom għal approvazzjoni. Issekondat il-Kunsillier Fenech.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

2.1 Dwar item 3.1(vi) tal-Minuti preċedenti, is-Sindku qal li Triq il-Midbaħ saret f'direzzjoni waħda. Is-Sinjura Agius Decelis staqsiet dwar kif qed tgħaddi l-karozza tal-linja u kienx hemm ilmenti mill-pubbliku. Is-Sindku nforma li l-vetturi bl-iskeda qed isegwu d-direzzjoni tat-traffiku f'direzzjoini waħda. Il-Viċi Sindku rrimarkat li kien hemm residenti li lmentaw li ma ġewx konsultati dwar il-bidla fid-direzzjoni tat-traffiku.Is-Sindku fakkar illi it-triq saret f'direzzjoni waħda mill-ġdid kif kien ordnat mill-A.D.T.

2.2 Dwar item 4 tal-Minuti, il-Kunsill innota li saret il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid.

2.3 It-Tabib Chetcuti Caruana nforma li l-pjattaforma tal-konkos li kien sar ilment dwarha mal-Wasteserv kienet għadha ma tneħħietx minn postha.

2.4 Dwar item 6.3 li kien jikkonċerna l-kawża dwar il-Bidnija, is-Sindku nforma li kienet ġiet differita għal Jannar.

## 3. Korrispondenza

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kienu waslu ittri mingħand:

3.1 Il-Kumpanija legali Ganado Sammut Advocates fejn infurmaw li huma ma kienux se jibqgħu jagħtu s-servizz legali tagħhom lill-Kunsill minħabba dewmien fil-ħlasijiet. Is-Sindku qal li din l-azzjoni saret avolja kien għadu kif sar pagament kbir u kienu biss żewġ kontijiet żgħar li kien baqa pendenti. Meta fisser l-fehma tiegħu li l-ħatra ta' avukati għadha issir billi jiġi appuntat avukat ad hoc għal kull kawża l-Kunsillier De Martino qal li l-aħjar li tinħareġ sejħa għal min hu nteressat li joffri s-servizz legali tiegħu lill-Kunsill u jkun sta għal Kunsill li jagħżel avukat tal-fiduċja. Sa dan it-tant għandhom jinħatru avukati ad-hoc jekk hemm xi urġenzi.

3.2 Ittra mid-Diriġenti ta-Razzett tal-Markiż fejn fost affarijiet oħra talbu jiġu msemmija toroq għal Sammy Calleja u għal Markiż Mallia Tabone. Il-Kunsill innota li triq għal Markiż Mallia Tabone kienet diġa teżisti. Fil-każ ta' dik għal Sammy Calleja din il-proposta tgħaddi lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

Mingħand l-istess istituzzjoni kien hemm talba għal għajnuna finanzjarja. Ġie nnotat li din il-Fondazzjoni ma kienetx skedata skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

3.3 Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira għamlu talba għal toqob għal ħbula. Ġie deċiż li ssir laggħa magħhom.

3.4 Seminar fi Strasbourg f'Jannar għal-Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi. Għall-raġunijiiet finanzjarji ma kienx propost li jintbagħat ħadd għal dan is-seminar.

## 4 Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju ressaq għal approvazzjoni skeda ta' ħlasijiet li tammonta għal Lm13,807.20. Meta t-tabib Chetcuti Caruana staqsa jekk kienx hemm rimarki jew osservazzjonijiet, il-Viċi Sindku staqsiet dwar ta xiex kienu ħlasijiet li saru lill-Leo Garage u fil-każ tal-Proġett Smart minn kien mar barra minn Malta. Is-Sindku spjega x'kienu jinvolvu l-ħlasijiet fiż-żewġ każi.

Il-Perit Grech ġibed l-attenzjoni li kien hemm kont pendenti ta' Lm200 dovut lil-Għaqda Mużikali Santa Marija għal xogħol li għamlu wara li kienet kawżata ħsara fuq il-bankina tagħhom. Is-Sinjura Decelis ukoll ġibdet l-attenzjoni li kien hemm ħlas pendenti lill-għalliema tal-korsijiet tas-Sajf. Is-Segretarju qal li kien se jara x'kienet ir-raġuni li dawn ma tħallsux u jirraporta lura.

Meta is-Sindku ressaq l-iskeda tal-ħlas għal approvazzjoni huwa kien sekondat mill-Kunsillier Agius u kien hemm approvazzjoni unanima. Is-segretarju qal illi għalkemm dawn ġew approvati, huwa kien ser iħallas skond ma jippermettu il-finanzi. Is-Sindku hawn fakkar illi meta ħa il-kariga huwa sab dejn ta' Lm 109,000 u kontijiet dejjem jiżdiedu tant li l-pożizzjoni fil-preżent hi ta' Lm 130,000. Prova ta' dan huwa qassam lista ta kredituri. Ma kienx possibbli għalhekk li jitħallsu l-kontijiet pendenti kollha f'daqqa.

## 5. Bidnija

Is-Sindku qal li meta kien imsejjaħ għal kawża tal-Bidnija inzerta li kemm hu kif wkoll is-Segretarju kienu ġodda u waħda mir-raġunijiet li l-kawża kienet diferita kien biex isir rikors għal bidla fl-ismijiet tas-Sindku u Segretarju Eżekuttiv li għal fini tal-liġi huma r-rappreżentanti legali f'isem il-Kunsill.

Invista li wkoll kien hemm ir-riżenja tal-avukati tal-Kunsill, is-Sindku talab u ngħata approvazzjoni biex jaħtar avukat ad hoc għal fini ta din il-kawża. L-pretensjonijiet tal-Kunsill f'din il-kawża huma li l-art magħrufa bħala Bidnija terġa tkun kunsidrata mal-konfini tal-Mosta.

6. **Firmatarji tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li peress li kien hemm bidla tas-Segretarju Eżekuttiv kien hemm bżonn li jkun awtorizzat is-Sur Camilleri biex flimkien mas-Sindku jkun responsabbli għal firem fuq transazzjonijiet bankarji u ħlasijiet. ✓

Is-Sur Camilleri ġibed l-attenzjoni illi anke fil-każ tax-xogħlijiet li ser jibdew mill-kuntrattur ewlieni li tefgħa it-tender fuq il-proġett ta Bistra kien ser jinfetaħ kont mal-HSBC. F'dan il-każ il-firmatarji minbarra is-sindku u segretarju huma ukoll tnejn appuntanti mil-Heritage Malta. ✓

Ma kienx hemm rimarki kuntrarji u l-proposta ġiet approvata nem.com.

7. **Skadenza ta' Kuntratt tax-Xogħol**

Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li waħda mill-impjegati, Ms. Nadia Camilleri se jiskadilha l-kuntratt tax-xogħol tagħħa fl-aħħar tas-sena u kien qed jitlob l-approvazzjoni biex jiġġedded għal terminu ieħor ta' tliet snin. ✓

Il-Kunsill approva l-estensjoni wara proposta mill-Viċi Sindku, sekondata mill-Kunsillier Grech. ✓

(*Meta kienet qed tiġi diskussa din il-materja, Il-Kunsillier Camilleri, minħabba li kellu interess pekunarju għaliex l-impjegata kienet bintu stess, ħareġ mis-Seduta u daħal lura meta l-Kunsill temm jiddiskuti il-materja).* ✓

Is-Segretarju qal li kien hemm ukoll il-kuntratt tat-tisqija tal-pjanti ta' l-uffiċini tal-Kunsill li xtaq li ma jġeddidx għaliex dawn faċilment setgħu jiġu msoqqija minn ħaddiema tal-Kunsill stess. Għal din it-talba ma kienx hemm oġġezzjoni.

Kuntratt ieħor li kien skada kien dak tas-Support Service fl-ambitu tal-finanzi. Min kien jagħmel dan ix-xogħol intemmilha il-kuntratt. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li hu kien tal-fehma li bir-riżorsi umani li kien hemm ix-xogħol part-time li kienet tagħmel seta faċilment isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li dan il-kuntratt ma jiġix imġedded.

8. **Fuljett tal-Kunsill**

Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li jibda jkun ippublikat fuljett tal-Kunsill u kien għalhekk qed jipproponi li jinħatar Bord Editorjali. Huwa ppropona li bħala Editur tal-fuljett jkun maħtur is-Sur Ivan Bartolo, bħala Deputat Editur s-Sur J.J. Camilleri, waqt li bħala membri jkun hemm is-Sindku u l-Kunsillier Mario Sammut.

Waqt li ma kienx hemm oġġezzjoni għall-pubblikazzjonijiet tal-fuljett u il-persuni nominati, Il-Kunsillier De Martino ġibed l-attenzjoni biex wieħed jara jekk kienx hemm xi kuntratt li kien għadu in vigore dwar stampar ta' pubblikazzjonijiet.

9. **Talba għal Wardens ħdejn l-iskola**

Wara diskussjoni dwar kif l-aħjar il-Kunsill jitratta din it-talba u talbiet oħra simili, kien hemm qbil li tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija biex issir laqgħa miegħu ħalli jkun provdut Pulizija kif isir f'diversi rħula oħra u wkoll li din il-materja tkun diskussa wkoll ma uffiċċjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Il-Kunsill qabel.

10. **Attivita Soċjali**

Is-Sindku ppropona li l-membri tal-Kunsill u l-istaff fit-23 ta' Diċembru jiltaqgħu għal attivita soċjali fil-ġranet tal-Milied bil-presenza tal-mara/raġel jew partner tagħhom u li din tkun imħallsa mill-Kunsill.

Il-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Mifsud u approvata unanimament.

11. **Vot ta' Ringrazzjament**

Wara li Sur J. Azzopardi intalab li jħalli il-kamra għal ftit mumenti, is-Sindku qal li wara li kien ta' servizz bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv għal perjodu ta' kważi erba xhur, is-Sur Azzopardi għandu jingħata vot ta' ringrazzjament għal għajnuna li ta' u servizz li pprovda f'dak iż-żmien sakemm ġew esawriti l-proċeduri għal ħatra tas-suċċessur tiegħu. Hu għalhekk kien qed jipproponi vot ta' ringrazzjament kif ukol

xi ħlas xieraq ta' xogħol li għamel. Il-Kunsillier De Martino issekonda il-proposta u l-proposta ġiet approvata unanimament.

**12 Suġġerimenti u Kummenti mill-Kunsilliera**

a) Is-Sindku wera ix-xewqa illi jikber l-ispazju fil-Librerija billi jittieħdu xi kmamar minn tal-pulizija. Ġie ssuġġerit illi isir talba lill-Ministru Tonio Borg rigward dawn il-kmamar.

b) Il-Kunsill kollu kien preżenti għall-għoti ta' kotba mis-Sur John J. Camilleri, is-Segretarju attwali, lill-Kunsill li minn-naħa tiegħu se jara kif min juża il-Librerija jkun jista jagħmel l-użu massimu minnhom. Is-Sindku irringrazzja lis-Segretarju tal-ġest tiegħu.

***13. Items No 6 u 13 tħallew għall-laqgħa oħra.***

**14. Aġġornament**

Is-Sindku fil-11.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal data f'Jannar bl-Agenda tkun komunikata lill-Kunsilliera aktar il-quddiem.

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku